

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1293**tal-20 ta' Lulju 2015****dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni legali tas-servizzi bbażati fuq, jew jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Lulju 1999, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinneogzja fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa, fisem il-Komunità Ewropea, konvenzjoni dwar il-protezzjoni legali tas-servizzi bbażati fuq, jew jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali.
- (2) Il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni legali tas-servizzi bbażati fuq, jew jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali ("il-Konvenzjoni") ġiet adottata mill-Kunsill tal-Ewropa fl-24 ta' Jannar 2001 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2003.
- (3) Il-Konvenzjoni tistabbilixxi qafas regolatorju li huwa kważi identiku għal dak stabbilit fid-Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (4) Fil-21 ta' Diċembru 2011 il-Konvenzjoni ġiet iffirmita fisem l-Unjoni ⁽²⁾.
- (5) Il-konklużjoni tal-Konvenzjoni tista' tgħin biex l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet simili għal dawk tad-Direttiva 98/84/KE tiġi estiża lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni, u tistabbilixxi liġi dwar servizzi bbażati fuq aċċess kondizzjonali li tkun applikabbli fil-kontinent Ewropew kollu.
- (6) Il-Konvenzjoni għandha tiġi approvata fisem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni legali tas-servizzi bbażati fuq, jew jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali ⁽³⁾ hija b'dan approvata fisem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożita(w) fisem l-Unjoni l-istrument tal-approvazzjoni previst fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni, sabiex jesprimi/u l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat biha.

⁽¹⁾ Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 1998 dwar il-protezzjoni legali ta' servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali (ĠU L 320, 28.11.1998, p. 54).

⁽²⁾ Il-Konvenzjoni ġiet iffirmita abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/853/UE tad-29 ta' Novembru 2011 dwar l-iffirmita, fisem l-Unjoni, tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni Legali tas-Servizzi ibbażata fuq, jew tikkonsisti minn aċċess kondizzjonali (ĠU L 336, 20.12.2011, p. 1). Minn dakinhar 'l hawn, dik id-Deċiżjoni ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/243/UE tal-14 ta' April 2014 dwar l-iffirmita, fisem l-Unjoni, tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni legali tas-servizzi bbażati fuq, jew jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 61).

⁽³⁾ It-test tal-Konvenzjoni ġie ppubblikat fil-ĠU L 336, 20.12.2011, p. 2.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2015.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI

ANNEX

DIKJARAZZJONI TAL-UE (*)

Waqt li tirrikonoxxi b'mod sħiħ l-oġġettivi segwiti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni legali ta' servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali, l-Unjoni tesprimi t-tħassib tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 9 u l-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, wara l-adeżjoni tal-Unjoni magħha, abbażi tal-kompetenza esklussiva tagħha.

Din id-Dikjarazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri ta' votazzjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa.

(*) Għandha tiġi kkomunikata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa meta jkun qed isir id-depożitu tal-istrument ta' approvazzjoni tal-Konvenzjoni.